# *Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija*

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:parbur@waldonet.net.mt

***LEĦEN IL-PARROĊĊA - APRIL 2010 - NRU. 332***



Il-Paċi tal-Mulej magħkom

Ir-Randan kwazi spiċċa, taħseb li kien zmien tajjeb għalik? Mistoqsija li tajjeb ngħamlu lilna infusna għaliex fil-ħajja kollox jgħaddi u kollox jindera imma dan iz-zmien huwa ta' grazzja kbira għal kull wieħed u waħda minnha, għaliex huwa zmien fejn tista' tirrifletti izjed mill qrib fuq il-ħajja tiegħek permezz tal-liturġija li l-Knisja toffrilek. Imma ħbieb jiddependi minna kemm aħna irridu nirriflettu fuqna nfusna, għandna l-istrumenti kollha f'idejna, u tajjeb li nagħmlu uzu minnom sewwa.

Deħlin għal tlett-ijiem imqaddsa u għaliex Imqaddsa? Għaliex huma jiem fejn fihom nirriflettu izjed fuq dak li Ġesu għamel għalina, zmien sabiħ biex ngħixu flimkien dak li għadda minnu Sidna Ġesu' Kristu, u dan għamlu mhux bħala gost imma biex lili u lilek ikun jista jeħlisna mil-irbit li aħna stess nintrabtu bihom. Għalhekk tajjeb li f'dawn il-jiem nersqu lejn is-sagramenti, li huma ħafna importanti fil-ħajja tagħna u mhux noqgħodu intellgħu u innizlu jekk għandniex nersqu jew le, kollox jiddependi minnek u tajjeb ukoll li tħajjar lil membri tal-familja tiegħek. Is-Sagramenti huma fonti qawwija biex jerġgħu jagħtuna qawwa fil-ħajja tagħna materjali għaliex ħafna drabi il-materjalita' tagħna hija dik li tirbaħ lil ġisem tagħna.

Ma għandniex għalfejn inġibu skuza għax ma nsibux ħin jew għax naraw il-Knisja magħluqa, il-bieb tal-kunvent tafu fejnu, il-qanpiena għalhekk qiegħda hemm biex iċċemplu u tinkwetawx il-bieb jinfetah zgur, il-pass inti trid tagħmlu, jekk verament qed tħoss li tersaq lejn il-Mulej. “Ġesu' jgħid ħabbat u jiftħulek, itlob u jingħatalek” u aħna għalhekk qegħdin hawn, x'jiswa li ngħamlu ċelebrazzjoni penitenzjali biex jiġu dejjem l-istess nies; għalhekk din hija stedina propju għalik jekk tixtieq tersaq lejn il-Mulej ħalli flimkien niċċelebraw l-Għid tal-Mulej ejja, il-Mulej qiegħed jistenniek b'idejh miftuha, dan huwa l-waqt li tgħidu iva, mela nistenna li nisma minn għandek. Issa f'idejk!!
Minn qalbi jiena flimkien mal-komunita' tal-Patrijiet nawguralkom il-Għid it-tajjeb, mimli Paċi, hena u sliem fil-Mulej Ġesu li qam mill-mewt għalina ukoll. Hu ħsieb tiegħek innifsek għax jekk ma tieħux inti ħadd ma hu ħa jaħseb għalik, ħajtek hija f'idejk?

Tkunu imberkien

P. Donald M. Bellizzi Ofm. Conv.
Kappillan

# Rokna għat-Tfal - April 2010

Ħellow tfal! Kif tafu f'dan ix-xahar ser tiġi żżurna persuna mportanti mill-Knisja Kattolika. Naħseb diġa tafu għal min qed nirreferi. Ser jiġi jżurna l-Papa Benedittu XVI. Din hi veru ħaġa sabiħa. Bħal Ġesu, il-Papa jħobb lil kulħadd. Hu jħobb ħafna lit-tfal, lix-xjuħ, lill-morda u lill-foqra għax dawn huma kollha fil-familja t'Alla. Huwa jħobb lin-nies ta' kull pajjiż. Fil-fatt kull meta jżur xi pajjiż ħafna nies immorru jilqgħuh. Mhux l-insara biss jifirħu bih imma ħafna nies oħrajn. Il-Papa Benedittu XVI jwassal it-tagħlim ta' Ġesu'. B'hekk in-nies ikunu kollha ħbieb ta' xulxin.

Tfal, tafu minn kien l-ewwel Papa?
Ġesu' ried iwaqqaf il-Knisja fuq it-tnax – l appostlu. Imma ried ukoll jagħżel wieħed minnhom biex igħaqqad flimkien fit-tagħlim u fix-xogħol tagħhom. Għalhekk għażel lil Xmun li tah l-isem ta' Pietru Qallu biex jieħu ħsieb il-Knisja kollha, bħal mar-ragħaj jieħu ħsieb il-merħla kollha. Għalhekk San Pietru kien igħallem dwar Ġesu' u għammed ħafna nsara ġodda. Flimkien ma' l-Isqfijiet, San Pietru kien jaraha kif ser jgħinu lill-foqra u jkabbru l-Knisja ta' Ġesu'. Minn Ġerusalemm San Pietru kien mar Ruma. Sar l-ewwel ragħaj tal-Knisja t'hemm. Sfortunatament kien hemm xi nies ħżiena li ma ridux jisimgħu dwar Ġesu'. Għalhekk riedu jeħilsu minn San Pietru u baqgħu sakemm qatluh billi sallbuh fuq salib rasu 'l isfel. Iżda l-insara kienu jħobbu ħafna lil San Pietru u fl-istess post fejn difnuh, bnew knisja kbira u sabiħa u semmewha għalih. Tfal, dan il-post qiegħed f'Ruma u naħseb ħafna minnkom ġieli rajtuh fuq it-televiżjoni. Dan hu l-Vatikan. Issa l-Papa preżenti joqgħod hemm. Żgur li ħafna minnkom ġieli rajtu lil Papa Benedittu XVI iqaddes il-quddies u f'xi okkażżjonijiet sellem lilna l-Maltin billi jgħid xi sentenzi bil-lingwa Maltija wkoll. Hemm, fejn ikun hemm ħafna nies jisimgħu l-messaġġl tal-Papa hija l-Pjazza tal-Vatikan.

Tfal, il-Papa Benedittu XVI qiegħed ikompli x-xogħol li Ġesu' ta li San Pietru. Mela issa wasal il-waqt li mhux biss nisimgħu messaġġi jew diskorsi jew ittri mibgħuta lilna; imma ser ikollna x-xorti li naraw il-Papa wiċċ imb'wiċċ u ser nisimgħuh ikellimna fuq artna stess. Din id -darba Malta ser tilqa' lil Mexxej tal-Knisja kollha… Viva l-Papa Benedittu XVI u nawguralkom ukoll l-Għid it-tajjeb!

*Kompetizzjoni fuq wara*

# KOMPETIZZJONI TA' L-GĦID

ISEM: ______________________________

ETA': __________

Aqra dawn is-sentenzi.
Jekk is-sentenza hija VERU, pinġi ċ-ċirku aħdar
Jekk is-sentenza hija FALZ, pinġi ċ-ċirku isfar

- **Ġesu' għażel lil Ġwanni biex ikun il-Kap tal-Knisja.**

  VERU    FALZ

- **L-isem ta' Pietru jfisser 'għalqa'.**

  VERU    FALZ

- **L-ewwel Papa tal-Knisja kien San Pietru.**

  VERU    FALZ

- **Lil Pietru, Ġesu' wegħdu li ser jagħtih il-kotba tas-saltna.**

  VERU    FALZ

- **Il-Papa preżenti jismu Benedittu XVI.**

  VERU    FALZ

- **Il-Papa jgħix fil-Vatikan.**

  VERU    FALZ

# Djarju April

**Il-Ħamis 1 ta' April: Ħamis ix-Xirka :**

| | |
|---|---|
| 7.15am | Talb komunitarju mal-Komunita tal-Patrijiet. |
| 7.00pm | Quddiesa Konċelebrata mil-Komunita' tal-Patrijiet, fejn ikun hem mil-Ħasil tar-Riġlejn. Animata mil-Korijiet tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija u Creation folk grupp. |
| 8.30pm | Siegħa adorazzjoni animata mil-Kummisjoni Liturgija u Letturi. |
| 9.00pm | Seba' Visti fil-Knejjes tar-Rabat. |

**Il-Ġimgħa 2 ta' April: Il-Ġimgħa Kbira:**

| | |
|---|---|
| 7.15am | Talb komunitarju mal-komunita' tal-Patrijiet. |
| 8.00-9.00 | Adorazjoni animata |
| 9.00–10.00 | Adorazzjoni animata mil-Kummisjoni Liturgija u Letturi. |
| 10.00–11.00 | Adorazjoni animata mil-Kummisjoni tfal għat-tfal tal-Parroċċa. |
| 11.00–12.00 | Adorazjoni għaż-żagħżagħ animata miż-żagħżagħ. |
| 2.30pm | Ħsibijiet fuq-il-Passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu. |
| 3.00pm | Ċelebrazjoni tas-salib animata mil-Korijiet tal-Parroċċa. |

**Is-Sibt: 3 ta' April: SIbt il-Għid:**

| | |
|---|---|
| 7.15am | Talb komunitarju mal-komunita' tal-Patrijiet. |
| 8.00pm | Ċelebrazjoni mil-Komunita' tal-Patrijiet, bis-sehem tal-Korijiet tal-Parroċċa fejn niċċelebraw l-Għid tal-Mulej. |

**Il-Ħadd 4 ta' April:**

Wara Quddiesa tat-8.30am fuq iż-żuntier ikun hemm it-tberik tal-figolli u bajd tal-Għid.

**L-Erbgħa 7 ta' April:**

Laqgħa fuq is-sagrament min P. Ġorg Zammit fl-4.30pm fil-Knisja.

**Is-Sibt 10 ta' April**: Ħarġa għat tfal tal-Parroċċa

**Il-Ħadd 11 ta' April:** Laqgħa Grupp Familja insara, 10.30am

**It-Tlieta 13 ta' April**: L-Ewwel laqgħa fuq il-Liturġija min P. Frank Borg Dumnikan wara quddiesa ta' filgħaxija kulħadd huwa mistieden.

**Is-Sibt u Ħadd 17 u 18 ta' April:** Ikun hawn il-Papa fostna.

**It-Tlieta 20 ta' April:** It-Tieni laqgħa fuq il-Liturġija min P. Frank Borg Dumnikan kulħadd huwa mistieden.

**It-Tlieta 27 ta' April:** It-Tielet laqgħa fuq il-Liturġija min P. Frank Borg Dumnikan kulħadd huwa mistieden.



Qum!
Il-Mulej qam
g]alik ukoll

One stop shop for orthopaedic supports, vitamin supplements, skincare & make-up and selected perfumes.

Qualified Beauty Therapist, Physiotherapist & Podologist available by appointment.

A Family Doctor in attendance daily.

FRONTLINE
HEALTH & BEAUTY STORE

Burmarrad Road, Burmarrad. Tel. 21582797

# Parental Skills għall-Ġenituri organizzat mill-Caritas fil-Parroċċa ta' Burmarrad

Il-Kors jikkonsisti f'6 laqgħat ta' sagħtejn-il waħda u ser isiru bejn is-6.00pm u t-8.00pm. Jibdew fix-xahar ta' April 2010.

| | |
|---|---|
| **Isem u Kunjom** | |
| **Indirizz** | |
| **Numru tat-telefon** | |
| **E-mail** | |
| **Etajiet tat-tfal tiegħi/tagħna** | |
| **Qed nippjana li nattendi waħdi** | **Qed nippjanaw li nattendu bħala koppja** |
| ☐ | ☐ |

Għaddu din il-formola flimkien mal-ħlas ta' €5 għall-materjal informattiv li ser jingħata fil-kors, lil Daniella Zerafa jew xi membru ieħor tal-Kummissjoni Familja.

Tistgħu wkoll tħallu l-formola mal-Kappillan.

FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

# Nibnu relazzjonijiet b'sa*ħħ*ithom

Illum ser inkomplu nitkellmu ftit dwar x'jirrikjedi minna sabiex aħna nibnu relazzjonijiet b'saħħithom; kif għidna ix-xahar l-ieħor, relazzjonijiet li jkunu jistgħu ikunu ta' sostenn għalina anki meta ngħaddu minn żminijiet li ma jkunux daqshekk sbieħ fil-ħajja tagħna.



Ix'xahar l-ieħor għidna li l-karatteristiċi ta' relazzjonijiet b'saħħithom huma:

- Impenn
- Rispett
- Sostenn
- Ugwaljanza
- Fiduċja
- Liberta'
- Mod san ta' kif jiġu risolti l-kunflitti

F'Marzu iddiskutejna l-Impenn u r-Rispett u llum se niddiskutu xi karatteristiċi oħra minn din il-lista.

## Is-sostenn (support)

Is-sostenn huwa ingredjent important f'kull relazzjoni. Meta aħna nkunu qed naħdmu ħafna, meta niltaqgħu ma' sitwazzjonijiet iebsa jew intoppi fil-ħajja, meta jkollna naffaċċjaw il-mard u inkwiet ieħor, relazzjoni li tkun waħda ta' sostenn tagħtina s-saħħa sabiex inkunu nistgħu inkomplu għaddejjin. Is-sostenn jerġa' jimliena bl-enerġija u nsibu lilna nfusna lesti li nkomplu nirsistu fil-ħajja anke f'affarijiet l i nkunu qtajna qalbna minnhom.

## L-ugwaljanza

L-ugwaljanza hija kelma li sirna nużaw il-ħin kollu. Naħseb hija waħda minn dawk il-kliem li qed jiġu abbużati minħabba li qed nużawha il-ħin kollu u ġieli anki biex naqbdu ma' dak li jkun, speċjalment in-nisa. Iżda jekk naħsbu ftit bis-serjeta' dwar l-ugwaljanza nindunaw illi relazzjoni ma tistax tkun b'saħħitha jekk ma jkunx hemm dan l-ingredjent importanti. Meta qed nitkellmu dwar relazzjoni bejn koppja, bejn aħwa adulti, bejn żewġt iħbieb, jekk ma jkunx hemm l-ugwaljanza jkun diffiċli li jkun hemm ir-rispett. Barraminhekk jekk l-ugwaljanza ma tkunx hemm ikun hemm ċans illi wieħed mill-persuni fir-relazzjoni jkun qed jikkontrolla lill-ieħor.

## Il-Fiduċja

Il-Fiduċja hija dak l-ingredjent li ma jistax ikun nieqes jekk ir-relazzjoni tagħna ser tkun waħda sana. Jekk aħna nirrispettaw lil xulxin u hemm l-ugwaljanza fir-relazzjoni tagħna il-fiduċja se tinbet u tikber weħedha. Huwa importanti ħafna illi l-fiduċja nkomplu naħdmu għaliha. Hawn ħafna individwi li minħabba esperjenzi li kellhom fil-passat isibuha diffiċli ħafna sabiex jafdaw u dan ikollu effetti negattivi ħafna fir-relazzjoni tagħhom. Dawn l-affarijiet li jkunu ġraw jistgħu jkunu ġraw fit-tfulija meta xi ħadd li t-tfal kienu jafdaw tradihom. Jista' jkun li l-persuna tkun ġiet ittraduta f'relazzjoni oħra u l-effetti jibqgħu jaffettwaw ir-relazzjonijiet li tibni wara. Hi x'inhi r-raġuni li minħabba fiha l-persuna qed issibha diffiċli tafda, huwa mportanti ħafna li tfittex għajnuna sabiex tkun tista' terġa' tibda tafda għax jekk dan ma tagħmlux se jkun diffiċli ħafna biex tibni relazzjonijiet oħra li jkunu b'saħħithom.

Nispera li dan li għidna llum ikompli jgħinna nirriflettu u naħdmu sabiex nibnu relazzjonijiet dejjiema. Ix-xahar li ġej inkomplu niddiskutu ftit ieħor dwar dan is-suġġett.

Daniella Zerafa

# SE NQUMU AHNA WKOLL??

(mehuda mill-ktieb *Ferejtni* ta' Patri Piju Sammut)

Kien jisimha Anita. Tfajla fuq tagħha ta' tmintax-il sena. Taħdem. Ferħana bil-ħajja. Għarusa. Ix-xemx kienet tleqq ħafna fil-ħajja ta' Anita.

Fil-vaganzi marret tiskija fuq l-Alpi. Zelqet, kisret sieqha u għamlulha l-ġibs. Imma....inqalgħu mitt elf kumplikazzjoni. Tant li t-tobba ma kellhomx triq oħra x'jieħdu ħlief li jaqtgħulha riġilha. Daqqa ta' ħarta kbira għal tfajla ta' tmintax-il sena. Quddiemha kellha ħajjitha kollha. X'se jiġri?

Jiena ltqajt magħha xi sena u nofs wara li ġara dan il-fatt. Kienet għadha l-isptar għax kienu qed jippruvaw jgħamlulha riġel artifiċjali. Nurse qaltli: 'Mur araha lil Sorriso!' (Bit-Taljan sorriso tfisser tbissima). Mort u bqajt skantat. Skantat bil-ferħ ta' din it-tfajla. Titbissem, tidhak, tiċċajta. Allaħares tipprova titħassarha għax tgħaddik biz-zmien! Fl-aħħar ma stajtx inzommha f'qalbi u staqsejtha: 'Skuzani, tafx. Imma kif jista' jkun tkun daqshekk ferħana?!'

Niftakar x'qaltli. 'Ara, jiena kien jisimni Anita. Kienu n-nurses ta' dan l-isptar li biddluli ismi f'Sorriso – Tbissima, għax qalu li jiena dejjem daħkana. Għaliex nitbissem? Ma nafx! Naf biss li lili wkoll Alla jħobbni ħafna. Naf biss li Alla hu Missieri, u jaf x'qiegħed jagħmel b'ħajti. Fil-ħajja, m'hux importanti kemm ikollok saqajn. L-importanti fil-ħajja hu li tħossok maħbuba. U jiena naf li hemm xi Ħadd li jħobbni.'

Ħarset lejn l-ikona ta' Ġesu' li kellha quddiemha. U jiena fhimt kollox. Jiena bqajt imbellah. Demgħa ħarġitli minn għajnejja. Imma jiena u ħiereġ mill-isptar, niftakarni ngħid bejni u bejn ruħi li jekk

tkun nisrani jfisser xi ħaġa, ifisser propju dan. Mhux tant ħafna tqanzih u sforzi. Mhux tant ħafna riti u ċerimonji.

Imma jfisser tgħix ta' mqajjem. Wara kollox li Ġesu' qam mill-mewt elfejn sena ilu ma fisser xejn illum jekk ma jkunx hemm xi ħadd fostna li jqum hu mill-mewt tiegħu.

Tqum ifisser tgħix ħieles, tgħix ferħan, tħalli l-muzika tidħol f'qalbek. Tqum ifisser tara d-dlamijiet tad-dnub imkeċċija, tikseb il-grazzja, tissieħeb mal-qaddisin.
Iva, hu possibbli tqum.
Hu possibbli toħroġ mill-qabar tal-qrid.
Hu possibbli tizfen. ....... Ukoll b'riġel wieħed.

## X'avventura sabiħa hi l-ħajja nisranija!



# TAJJEB TKUN TAF

- F'april se jsir kors ta' Parentals skills. Min jixtieq jattendi għalih jista' javza lil Mrs Daniella Zerafa jew lil Kappillan. Tħallux għal aħħar għax il-postijiet huma limitati. Tajjeb li dawk li ghandhom it-tfal kemm zgħar u adoloxxenti jattendu għal dan il-kors li sejjer jsir filparroċċa tagħna.

- Min jixtieq jakwista ritratti jew video tal-vista pastorali ta' Mons Arċisqof jista' jkellem lil Kappillan. Il-Video jinkudi kemm il-quddiesa kif ukoll il-laqgħat li saru fil-parroċċa.

- Min jixtieq jakwista ritratti jew video tal-play li saret fil-Parrocca tagħna fiż-żmien il ġimgħa kbira jista' ikellem lil kappillan.

L-Agenzija Appoġġ tixtieq tavża li nfetah servizz ta' social work għall-persuni li jgħixu fil-komunita ta' San Pawl. Dan l-uffiċċju jinsab fi Triq il-Frejgatina, Qawra ħdejn l-uffiċċju tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Min jixtieq jista' jmur l-uffiċċju għall-appuntament jew icempel fuq 22697110, 22697112-5.

- Il-hinijiet tal-ufficju fix-xitwa huma:

It-tnejn u L-Hamis- 7.30- 2.30 p.m

It-tlieta, L-Erbgha u l-Gimgha- 7.30- 5.00 p.m

- Il-hinijiet tal-ufficju fis-sajf huma:

It-tnejn, l-erbgha u l-gimgha- 7.30- 2.00 p.m

It-tlieta u l-hamis- 7.30- 5.00 p.m